FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 03 TA' AWISSU 2016

Il-Pulizija

(Spettur Anna Marie Xuereb)

vs

Amad Aluwyad Nabil Mahmoud

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita numru 25575(A) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'Jannar 2009 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

- approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra is-somma ta' aktar minn €2329.37 ghad-dannu ta' Stefania Pia Andretta liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u l-istess haga giet f'data lilu minhabba l-professjoni, industrja, kummerc, kariga jew servizz tieghu;

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta l-misappropjazzjoni fuq l-fatti li gejjin: fit-18 ta' Novembru 2008 l-imputat iffirma skrittura (folio 28), li fuqha kien qieghed jidher bhala direttur u n-rappresentanza ta' AD Contractors Limited. Huwa kien accetta u obbliga ruhhu li jesegwixxi xoghol ta' rinnovazzjoni tad-dar tal-kwerelanta, certa Stefania Andretti, kollox kif indikat fl-imsemmija skrittura ghall-prezz u modalitajiet ta' pagament hemm stipulati. Jirrisulta inkontestat li mal-iffirmar l-imputat irceva €7500; kien talab u thallas ammont iehor ta' €9000 appena ghaxar tijiem wara fuq li stqarr mal-kwerelanta li kellu jinxtara xi materjal; kien thallas somma ohra ta'€2500 jumejn wara –b'kollox €19,000. Jirrisulta sussegwetement li f'Jannar 2009, igifieri anqas minn xahrejn

mill-iffirmar, huwa irrenda ruhu irreperibbli nonostante li ai termni tal-iskrittura kien intrabat li jesegwixxi u jlesti x-xoghol fi zmien tlett xhur mill-iffirmar. Sakemm irrenda ruhhu irreperibbli skond il-kwerelanta kien ghamel minimu ta' xoghol, tghid li kien iccezzja xi hitan biex jghaddi l-elettriku. L-imputat, li ghazel li ma jixhidtx, irrilaxxja pero' stqarrija, valida, fejn kull ma jghid f'dan ir-rigward hu li x-xoghol veru kien bdieh u anke xtara xi materjal u travi tal-hadid". Kompla spiega fl-istqarrija li dak iz-zmien kien ghadda minn problema minhabba l-loghob, kien ittraskura x-xoghol ta' kulhadd, u kompla testwalment jghid "illum il-gurnata issetiljat kollox ma kullhadd jonqos biss lill-Stefania". Dana qed jghidu mas sitt snin fuq l-iffirmar tal-iskrittura.

Il-linja difenzjonali tieghu hi sintetizzabbli filli:

- il-misapproprjazzjoni per se ma tirrizultax;
- il-pagamenti saru skond il-ftehim anka jekk mhux kollox; ergo hi ta' indole civile u mhux kriminali;
- ebda obbligu mill-kuntratt li l-pagamenti kellhom jintuzaw ghal skop specifiku;
- ma jirrisultax l-valur tax-xoghol esegwit;

Il-Qorti pero' ma taqbilx.. Tafferma li t-tlett rekwiziti ghal-esistenza tar-reat ta' misappropjazzjoni huma sodisfatti. Il-flus inghataw lil-imputat proprju biex isiru x-xoghlijiet ta' rinnovazzjoni, liema xoghlijiet huma elenkati fl-iskrittura. Il-fatt li ma sarux, kif ammess fl-istqarrija nnifisha tal-imputat u liema flus ma gewx lanqas impiegati biex isiru x-xoghlijiet jew fix-xoghlijiet li kellhom isiru, ifisser li l-imputat dawwar bi profit ghalih l-flus li l-kwerelanta in bona fede halsitu.

Taqta' u tiddeciedi li ssib l-imputat hati ta' misappropjazzjoni skond l-akkuza. Rat l-Artikoli 283, 294, 310 (1)(a) tal-Kap 9. Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum. Rat ukoll l-Artikolu 24 tal-Kap 446 u tordna lill-imputat, biex fi zmien mhux aktar tard minn sitt xhur mill-lum, jhallas lil-parti leza is-somma ta' €15,000.

Il-Qorti spjegat ir-responsabilita' tal-imputat skond is-sentenza.

A.M Trigona

Magistrat